MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-25 ta' Frar, 2014

Citazzjoni Numru. 754/2013

**BANK OF VALLETTA p.l.c.** (C-2833)

vs

David **JACCARINI** u Rita Jaccarini

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors maħluf imressaq fis-6 rikorrenti, għar-raġunijiet hemm imfissra, ta’ Awissu, 2013 li bih is-soċjeta talbet li din il-Qorti:

(i) Tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kitbiet privati tat-8 ta’ Marzu, 2005 u tal-24 ta’ Settembru, 2008 ( u hawn esebiti bħala Dokument “A” u “B”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-imħarrkin David u Rita miżżewġin

mittenti kifJaccarini (a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjeta stipulat fl-imsemmi kuntratti, (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi ta' l-istess imħarrkin li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita attriċi; utal-ħlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta

(ii) Tikkundanna lill-imħarrkin David u Rita attriċi s-somma ta' ħdax-il elf disa'miżżewġin Jaccarini jħallsu lis-soċjeta mija u tnejn u disgħin ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmi (€11,992.51) bilanċ għad-debitu fil-"*Loan Accounts"* ta' l-imsemmija David u Rita miżżewġin Jaccarini mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dokti "C" u "D1" sa "D12") flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mis-26 ta' Ġunju, 2013, sad-data ta' l-effettiv pagament;

Talbet ukoll l-ispejjez;

Rat illi r-rikors ġie debitament notifikat lill-intimati, kemm bil-mod maħsub fl-art 187(1) u 187 (3) tal-Kap 12, iżda li naqsu li jippreżentaw risposta fiż-żmien mogħti lilhom mil-liġi u hekk baqgħu kontumaċi;

Rat in-Nota mressqa waqt is-smigħ tal-lum mill-imħarrek David Jaccarini, li biha huwa ammetta t-talbiet attriċi safejn jirrigwardaw lilu;

Semgħet ix-xhieda ta' rikorrenti, waqt is-smigħ tal-lum;rappreżentant tas-soċjeta

Semgħet l-avukat tas-soċjeta rikorrenti;

Eżaminat l-atti tar-rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti u wkoll fid-dawl tal-ammissjoni reġistrata mill-imħarrek, it-talbiet dedotti fir-rikors jirriżultaw mistħoqqa;

Fil-kontumaċja tal-intimata u fuq ammissjoni tal-intimat taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel talba** rikorrenti kif dedotta□tas-soċjeta fir-Rikors u ssib li seħħet waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kitbiet privati tat-8 ta' Marzu, 2005 u tal-24 ta' Settembru, 2008, billi l-imħarrkin David u Rita miżżewġin Jaccarini naqsu li jħallsu regolarment u fiż-żmien li fih intrabtu li jagħmlu dan mal-Bank attur; billi l-istess imħarrkin naqsu li jwettqu l-obbligi l-oħrajn li ntrabtu bihom; u billi seħħew bidliet materjali fiċċirkostanzi tal-ħlas lura tad-debitu□tal-istess imħarrkin li jolqtu ħażin il-possibilta lill-istess Bank attur;

**Tilqa' t-tieni talba** attriċi billi tikkundanna lill-imħarrkin miżżewġin Jaccarini biex iħallsu lill-Bank attur is-somma ta' hdax-il elf, disa' mija u tnejn u disgħin ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmi (€11,992.51) bilanċ għad-debitu fil-"*Loan Accounts*" tagħhom, flimkien mal-imgħax legali ulterjuri fuq dik is-somma b'seħħ mis-26 ta' Ġunju, 2013, sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Tikkundanna** lill-imħarrkin, flimkien u solidament bejniethom, biex iħallsu wkoll **l-ispejjez tal-kawża.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------